MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 388/2011

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha (7) ta' Settembru tal-elf disa mija u tnejn u sebghin (1972) (ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal illum kollha maggorenni.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Sciberras mill-ghoxrin (20) ta' Marzu tal-elf disa mija u hamsa u tmenin (1985) (Ara Dok. B anness, il-vera kopja tal-original ta' liema ser tigi ezebita fi stadju ulterjuri);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom sitta u ghoxrin sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn/familji godda.

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju stante li l-ulied huma llum kollha maggorenni u ‘l fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena u l-partijiet qatt m’obbligaw ruhhom illi jmantu lil xulxin.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

Tipprununzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku,

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Novembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi gie ippruvat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg gew sodisfatti; u peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dr Joseph Sciberras mill-20 ta’ Marzu 1985;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-ulied tal-partijiet illum il-gurnata huma maggorenni u ghandhom ‘il fuq minn tlieta u ghoxrin sena;

Illi gie ippruvat ukoll illi fil-kuntratt tas-separazzjoni taghhom il-partijiet ma obbligawx ruhhom illi imantnu lil xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------